**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tal-21 ta' Jannar 2016

Talba Numru: 631/2015

Numru fuq il-Lista: 8

**GO p.l.c. (C22334)**

**vs.**

**Debbie Debono** K.I. 348589(M)

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fl-4 t'Awwissu 2015, illi permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenuta tas-somma ta' disa' mija u disgħa u tletin ewro u tliet ċenteżmi (€939.03), in konnessjoni ma' Bundle Service

Agreement Home Pack 33 (A/C40169472), mogħtija mis-soċjeta` attriċi lill-konvenuta.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjeta′ attriċi is-somma ta' disa' mija u disgħa u tletin ewro u tliet ċenteżmi (€939.03), bl-imgħax legali dekorribbli mill-20 ta' Frar 2015 li hija d-data tal-preżentata tal-ittra uffiċċjali fl-ismijiet premessi u nnumerata 269/15, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inklużi tal-ittra uffiċjali ċċitata, huma a kariku tal-konvenuta.

Av. Nadia H.Vella
Ġudikatur